

Brussell, 4 ta' Mejju 2026
(OR. en)

8597/26

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0408 (COD)

CODEC 773
SIMPL 73
ANTICI 79
AGRI 315
ENV 415
MI 397
CHIMIE 40

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 528/2012 fir-rigward tal-estensjoni ta' ċerti perjodi ta' protezzjoni tad-data (**I-ewwel qari**)
- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fis-16 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta¹ tagħha, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-21 ta' Jannar 2026².

¹ 17054/25.

² ĠU C, C/2026/1969, 28.4.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2026/1969/oj>.

3. Fit-28 ta' April 2026, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari billi aċċetta l-proposta tal-Kummissjoni wara revizzjoni mill-ġuristi lingwisti³. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew għandu, għalhekk, ikun aċċettabbli għall-Kunsill peress li jikkorrispondi għall-mandat⁴ mogħti mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti lill-Presidenza fl-4 ta' Marzu 2026, bil-ħsieb li jintlaħaq qbil fl-ewwel qari dwar il-proposta mal-Parlament Ewropew.
4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 20/26, bħala punt "A" ta' laqgħa li jmiss.
5. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u dak tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

³ 8595/26.

⁴ 5762/26.